MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 661/2002

**Mob*isle* Communications Limited**

**vs**

**Mathew Ciavola**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, hames mija u sitta u hamsin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm2,556.70), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut minnu lil Mob*isle* Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lilu mill-istess Mob*isle* Communications Limited fix-xhur bejn Gunju, 2001 sa' Novembru, 2001, u dana in segwitu ta', u skond Client Contract Number 3989, liema kuntratt huwa ffirmat minnu stess.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Settembru, 2002, u tal-Mandati ta' Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment ma' l-avviz, u bl-imghaxijiet, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-18 ta' Gunju, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------